MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 1902/2005

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Joseph Busuttil (ID 557959M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Novembru 2005, fejn is-socjeta` attrici qeghda titlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill- konvenut Joseph Busuttil ihallas s-somma komplessiva ta' seba' mija u tnejn u erbghin Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm742.94) in kwantu ghal seba' mija erbgha u tletin lira u erbgha u disghin centezmu (Lm734.94) skond fattura bin-numru 16881 datata 15 ta' Frar 2005 in konnessjoni ma' hsarat minnu kkawzati lill-infrastruttura tas-socjeta` attrici fit-31 ta' Awissu 2004 fi Triq Saver Zarb kantuniera ma' Sqaq is-Sigra Monterosa, San Gwann, u in kwantu ghal

tmien liri Maltin (Lm8.00) in konnessjoni ma' ittra ufficjali bin-numru ta' registrazzjoni 8473/05 debitament notifikata.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Ghaldaqstant is-socjeta` attrici permezz ta' din l-istanza titlob lil dan it-Tribunal sabiex (1) Jiddikjara lill-konvenut hati tal-hsarat minnu kkawzati lill-infrastruttura tas-socjeta` attrici, (2) tikkundannah ihallas l-ammont kif mitlub inkluz l-ispejjez u l-imghaxijiet legali dekorrendo mid-data tal 15 ta' Frar 2005.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tas-16 ta' Dicembru 2005 li permezz taghha ecceppixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Sema` x-xhieda kollha u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-llum ghad-decizjoni wara illi d-difensuri tal-partijiet ttrattaw il-kawza.

Ikkunsidra :

Illi anness mat-talba attrici kien hemm erba' (4) dokumenti u cioe`:

1. Dok A konsistenti f'fattura bin-numru 16881 datata 15 ta' Frar 2005
2. Dok B konsistenti f'rapport tal-Pulizija
3. Dok C konsistenti f'ittra ufficjali bin-numru 8473/05 datata 5 t' Ottubru 2005 debitament notifikata
4. Dikjarazzjoni datata 31 t' Awissu 2004

Illi fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2006, is-socjeta` attrici pprezentat is-segwenti dokumenti permezz ta' nota u cioe`:

**Dok A** konsistenti f'affidavit ta' Dr. Keith Grech, fejn ikkonferma illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija erba' u tletin lira u erba' u disghin centezmu (Lm734.94), liema ammont hu kompost minn tlett mija tlieta u sittin lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm363.78) bhala Labour Cost, u mitejn u disa' u hamsin Lira u hames centezmi (Lm259.05) bhala spejjez materjali, flimkien ma mija u tnax-il Lira u hdax-il centezmu (Lm112.11) bhala VAT, eskluzi l-imghaxijiet legali, liema spejjez huma kollha dovuti in konnessjoni ma hsarat ikkagunati lill-propjeta` tas-socjeta` attrici in kwistjoni, ikkawzati f'Awwissu 2004.

Illi fit-tali affidavit, gie ikkonfermat li l-konvenut iffirma dikjarazzjoni li se jaghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat, liema dikjarazzjoni giet ukoll iffirmata minn WPC 185. Illi fl-istess affidavit, gie ikkonfermat ukoll illi intbaghtet ittra ufficjali lill-konvenut bin-numru 8473/05, u giet debitament notifikata lill-konvenut.

**Dok B** konsistenti f'affidavit ta' l-Ingineer Ronald Cuschieri fejn ikkonferma illi f'Awwissu 2004 giet ikkawzata hsara lill-*cables* tas-socjeta` Maltacom plc u kien sar ukoll rapport fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Gwann dwar l-imsemmija hsarat. Jikkonferma ukoll illi l-ammont dovut ghal hsarat jammonta ghas–somma ta' seba' mija erba' u tletin lira u erba' u disghin centezmu (Lm734.94) liema ammont hu kompost minn tlett mija tlieta u sittin lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm363.78) bhala Labour Cost, u mitejn u disa' u hamsin lira u hames centezmi (Lm259.05) bhala spejjez materjali, flimkien ma mija u tnax-il lira u hdax il-centezmu (Lm112.11) bhala VAT, eskluzi l-imghaxijiet legali. Dok B1-3 konsistenti f'ritratti li jikkoncernaw l-imsemmija hsarat;

**Dok C** konsistenti f'affidavit ta' Ray Cachia fejn ikkonferma illi fil-15 ta' Frar 2005 inharget fattura bin-numru 16881 ghall-ammont ta' seba' mija erba' u tletin lira u erba' u disghin centezmu (Lm734.94) fil-konfront ta' Joseph Busuttil in konnessjoni ma' flus dovuti lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' hsarat fil-*cables* ta' l-istess

socjeta`. Illi jikkonferma ukoll illi dan il-kont ghadu pendenti u l-hlas dovut ghadu ma sarx;

**Dok D** konsistenti f'affidavit ta' Victor Busuttil fejn jikkonferma illi f'Awwissu 2004 giet ikkawzata hsara lill-*cables* tas-socjeta` attrici u inoltre` illi l-istess socjeta` qatt ma kienet giet mitluba taghti l-permess taghha sabiex dan ix-xoghol in kwistjoni jkun jista' jsir jew li tassisti fix-xogholijiet;

**Dok E** konsistenti f'affidavit ta' Paul Darmanin fejn ikkonferma illi kien imqabbad f'Lulju 2004 sabiex jimmarka l-cables tas-socjeta` attrici. Illi jikkonferma ukoll illi l-konvenut kien informah verbalment li kien ser jaghmel xi xoghlijiet ta' skavar u ghal dan. Hu kien infurmah illi f'dawk l-inhawi kien hemm *cables* tas-socjeta` attrici u ghalhekk qabel ma' l-konvenut jibda xi xogholijiet kellu jiehu hsieb jinforma lis-socjeta` attrici, sabiex tkun tista' tibghat lil xi hadd sabiex jimmarka dawn il-*cables.*

Illi fis-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2006 xehed Spettur Carmelo Abdilla fejn ipprezenta rapport tal-Pulizija li gie mmarkat bhala Dok CA1.

Illi fis-seduta ta' l-20 ta' April 2006, is-socjeta` attrici ipprezentat erbgha (4) dokumenti u cioe`:

**Dok KG1**, konsistenti f'estratt mil-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta.
**Dok KG2**, konsistenti f'Avviz Legali 313 tat-2002.
**Dok KG3**, konsistenti f'*Action Trial Report* bir-riferenza 1002/2004.
**Dok KG4**, konsistenti f'dokument intitolat *Conditions for Granting of Excavation Permits to Contractors, Utilities, Companies or Individuals.*

Illi fl-istess seduta ta' l-20 ta' April 2006 xehed PC 845 u ikkonferma illi id-dokument Dok CA1 hu rapport illi kien ghamel hu stess in segwitu ghall-incident in kwistjoni u inoltre ikkonferma illi l-konvenut ghamel dikjarazzjoni pero` ma ffirmahix quddiemu.

Illi fis-seduta ta’ l-14 ta’ Gunju 2006 xehed Joseph Meilaq prodott mill-konvenut fejn ikkonferma illi dak in-nhar ta’ l-incident, hu kien prezenti mal-konvenut u inoltre`, illi hu u l-istess konvenut qatghu *cable* illi ma kienx gie mmarkat mill-Maltacom, wara talba mill-konvenut stess sabiex isir dan. Inoltre hu jikkonferma illi l-*cable* li kien gie immarkat kien f’toroq ohra.

Illi fl-14 ta’ Gunju 2006 xehed ukoll il-konvenut Joseph Busuttil fejn ikkonferma illi fil-kaz in kwistjoni, huma kienu gabu l-permessi kollha relattivi u inoltre`, qabel ma beda x-xoghol, kien tkellem ma’ rapprezentant tas-socjeta` attrici u cioe` Paul Darmanin sabiex jaghmel il-marki kollha necessarji. Illi stqarr ukoll illi matul il-hidma taghhom, zammew id-distanza ta’ madwar metru u nofs (1.5m), zewg metri (2m) mil-linja illi kienet indikat is-socjeta` attrici, u ghalhekk il-*cable* kien intlaqat peress illi ma kienx immarkat.

Illi jikkonferma illi fi Triq Saver Zarb, kantuniera ma’ Sqaq is-Sigra, kienu effettivament immarkati *cables* ohrajn, liema *cables* m’humiex milqutin. Stqarr ukoll illi wara l-incident, l-istess xhud kien gie mitlub imur l-Ghassa ta’ San Giljan fejn ammetta illi kien qata’ *cable*, pero`meta ppressat miz-zewg (2) Pulizija u gie mhedded b’arrest, hu iffirma wkoll dikjarazzjoni sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni, minkejja l-fatt illi kien primarjament cahad illi jaghmel dan.

Illi fil-kontro-ezami tieghu, hu jikkonferma ukoll illi kien gab kwalsijasi permess relattiv qabel ma beda x-xoghlijiet, u dan jinkludi l-kundizzjoni principali li imponiet fuqu l-ADT u cioe` illi tlett (3) ijiem qabel ma jibda x-xoghol, il-konvenut kellu jikkomunika mas-socjeta` attrici sabiex tibghat in-nies biex jimmarkaw, pero` il-*cable* li ntlaqat ma kienx gie mmarkat.

Illi permezz ta’ rikors ipprezentat fil-25 ta’ Lulju 2006, is-socjeta` attrici pprezentat zewg (2) dokumenti u cioe`:

**Dok KG5** konsistenti f'permess TP4 bin-numru 1002/2004;
**Dok KG6** konsistenti f'kundizzjonijiet ghall-Permess TP4 bin-numru 1002/2004.

Illi fl-20 ta' Ottubru 2006 xehed Paul Darmanin prodott mis-socjeta` attrici u ikkonferma illi hu personalment qatt ma ghamel marki fi Triq Saver Zarb.

Illi fid-29 ta' Jannar 2007 xehed l-Inginier Ronald Cuschieri prodott mill-konvenut fejn ikkonferma illi x-xoghol kien jikkonsisti f'riparazzjonijiet fuq hsara ta' zewg (2) *cables* ta' hundred (100) par-il wiehed.

Illi fid-29 ta' Jannar 2007 xehed ukoll Victor Busuttil u ikkonferma illi fil-parti ta' fejn sar l-incident, Paul Darmanin ma kienx mar jimmarka u inoltre, il-permess tax-xogholijiet in kwistjoni kien ikopri Sqaq Ciantar ma' Triq Birkirkara, u mhux Triq Saver Zarb fejn sehh l-incident.

Illi fis-26 ta' Marzu 2007 xehed l-Ingineer Joe Agius li pprezenta Dok JA1 konsistenti fi *Breakdown of Material Costs* fl-incident in kwistjoni.

Illi fis-26 ta' Marzu 2007 xehed ukoll Hansel Mallia, prodott mill-konvenut u ikkonferma illi ai fini tad-Dok KG3 hemm l-ewwel faccata nieqsa, pero` dak id-dokument prodott mill-ADT hu komplut.

Illi l-istess xhud ikkonferma ukoll illi l-Maltacom kienet talbet sabiex tlett (3) ijiem qabel ma jibdew ix-xoghlijiet tinghata kopja tal-permess sabiex il-Maltacom tmur timmarka l-marki tal-*cables* u l-kuntrattur kellu jiffirma karta illi effettivament mar l-*Attendant* tal Maltacom fuq il-post.

Illi fis-26 ta' Marzu 2007 xehed ukoll l-Inginier Joseph Agius fejn ipprezenta Dok JA 1 rapprezentanti *Breakdown* ta' l-*invoice* illi kienet gia` giet ipprezentata. Inoltre, hu jzid billi jikkonferma illi hu ma kienx il-persuna responsabbli minn dawk ix-xogholijiet, u li l-persuna responsabbli kien l-Inginier Ronald Cuschieri.

Illi permezz ta’ nota datata 12 t’April 2007, is-socjeta` attrici ipprezentat dokument immarkat Dok FB1 konsistenti f’*email* datata 3 t’April 2007 minghand Frank Borg ghall-Kummissarju tal-VAT.

Illi fis-16 ta’ Mejju 2007 xehed Mario Tabone, prodott mis-socjeta` attrici fejn ikkonferma illi hu ivverifika l-prezzijiet hekk kif indikati go Dok JA1. Illi fil-kontro ezami ta’ l-istess xhud, hu kkonferma illi l-verifiki ghamilhom hu u mhux qallu xi hadd iehor bihom.

Illi fid-29 ta’ Jannar 2008 rega` xehed l-Inginier Ronald Cuschieri fejn ikkonferma illi f’certu hinijiet meta kienu qeghdin isiru r-riparazzjonijiet kien prezenti u peress li l-*cable* inqata’, kellha ssir kaxxa.

Ra n-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra :

Illi a skans ta’ ripetizzjoni, il-provi migbura jinsabu in sintesi hawn fuq riprodotti. Illi mill-assjem tal-provi migbura, it-Tribunal ma jistghax ma jkunx konvint illi l-hsara giet kkawzata mill-konvenut.

Indipendentament minn kwalsiasi prova ohra – hemm l-ammissjoni skjetta u cara da parti tal-konvenut mal-Pulizija Ezekuttiva – li l-konvenut jittanta hawnekk jiggustifika billi b’mod mill-anqas kredibbli, jghid illi kien sfurzat illi jiffirma u jammetti ghax kien mhedded bl-arrest.

Cara kif inhi ghat-Tribunal illi kien il-konvenut illi kkawza l-hsara lis-socjeta` attrici, it-Tribunal irid ukoll jikkonkludi illi mill-assjem tal-provi ezawrenti illi ressqet is-socjeta` attrici jirrizulta car illi r-responsabbilita` ghall-incident li sehh u li kkawza l-hsara lis-socjeta` attrici hija solament u unikament tal-konvenut, minkejja it-tezi tieghu illi huwa mexa mal-marki maghmula u li l-cable de quo ma kienx immarkat.

Dwar ir-responsabbilita` f'cirkostanzi u instanzi simili, it-Tribunal jsib komfort f'diversi sentenzi anke tal-Qorti ta' l-Appell kif ben elenkati u msemmija fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici.

In kwantu ghall-ammont riklamat mbaghad, ma jirrizultax illi tressqet xi eccezzjoni dwar il-quantum, u in ogni caso, il-provi tas-socjeta` attrici huma bizzejjed biex jikkonvincu lit-Tribunal illi l-ammont riklamata huwa wiehed giust.

GHALDAQSTANT, it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara illi evalwa l-provi kollha prodotti, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici, ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz, s-somma ta' elf, seba` mija u tletin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€1730.58), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------